| *Għall-Użu tal-Uffiċċju Biss:* | Data meta ġiet riċevuta: | Isem u kunjom tal-uffiċjal li rċieva l-formola: |
|---|---|---|
| | __ __ / __ __ / __ __ __ __<br>j j x x s s s s | |

**Accessibility Unit:**

**Aġenzija Sapport, Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera, SVR 1614**

**Tel: Freephone Servizz.gov 153 (ext. 05)**

**Email: accessibility.sapport@gov.mt**

## APPLIKAZZJONI GĦAL KARTA EWROPEA TAD-DIZABILITÀU/JEW BLUE BADGE

Numru tal-Karta tal-Identità tal-Applikant: ____________________

Isem tal-Applikant: ____________________

Kunjom tal-Applikant: ____________________

Qed tapplika għal:
*(Tista' tagħżel aktar minn għażla waħda)*

- ☐ Karta Ewropea tad-Diżabilità ġdida BISS
- ☐ Tiġdid tal- Karta Ewropea tad-Diżabilità
- ☐ Karta Ewropea tad-Diżabilità ġdida **U** Blue Badge Ġdida
- ☐ Blue Badge Ġdida
- ☐ Tiġdid tal-Blue Badge

- Il-**Karta Ewropea tad-Diżabilità** sservi bħala rikonoxximent li d-detentur għandu l-istatus ta' persuna b'diżabilità f'Malta. Il-benefiċċji għad-detenturi tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità jvarjaw mill-għoti ta' permessi biex tapplika għal servizz, skema jew benefiċċju offrut minn entità tal-Gvern għal persuni b'diżabilità, sal-għoti tal-aċċess għal ċerti konċessjonijiet li jistgħu jagħżlu li jipprovdu ċerti organizzazzjonijiet nongovernattivi u entitajiet privati. Aktar informazzjoni tista' tinsab hawn: www.eudisabilitycard.org.mt.
- Il-**Blue Badge** huwa document legali. Id-detenturi tal-Blue Badge huma intitolati li jkollhom vettura li fiha huma jivvjaġġaw bħala sewwieqa jew passiġġieri, ipparkjata fi spazju ta' parkeġġ komunali riżervat

għad-detenturi tal-Blue Badge bil-Blue Badge titpoġġa f'post prominenti mal-windscreen. Aktar informazzjoni tista' tinstab hawn: [https://sapport.gov.mt/services/blue-badge/](https://sapport.gov.mt/services/blue-badge/).

**Gwida Ġenerali għall-Applikanti:**

Applikazzjonijiet mhux kompluti, inkluż dawk li jintbagħtu mingħajr l-informazzjoni, id-dokumentazzjoni ta' sostenn, jew il-pagament (fejn applikabbli) meħtieġa, *ma jiġux* aċċettati.

L-applikanti kollha jistgħu jkunu meħtieġa jattendu għal appuntament tal-valutazzjoni tal-eliġibilità ma' professjonist maħtur minn Aġenzija Sapport. L-applikanti kollha jistgħu jiġu wkoll mitluba jipprovdu dokumentazzjoni medika addizzjonali.

Hija r-responsabilità tal-applikant biex japplika għal tiġdid tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew tal-Blue Badge tagħhom tliet (3) xhur qabel id-data ta' skadenza tad-dokument(i) attwali. Ma jinħarġu *l-ebda* nota jew dokument temporanju waqt li applikazzjoni tkun qed tiġi pproċessata li jistgħu jintużaw minflok id-dokumenti uffiċjali.

<u>Dokumenti u pagament meħtieġa:</u>

- Formola tal-applikazzjoni: il-paġni 1, 3 u 4 mimlijin kompletament.
- Firma meħtieġa b'linka blu fil-<u>paġna 4</u>:
  - Jekk iċ-ċertifikat mediku li jiġi ppreżentat ma' din l-applikazzjoni jindika li l-applikant huwa kapaċi jiffirma għalih innifsu, l-applikant irid jipprovdi l-firma tiegħu.
  - Jekk l-applikant għandu 17-il sena jew inqas, jew jekk il-formola taċ-Ċertifikat Mediku tindika li l-applikant mhuwiex kapaċi jiffirma għalih innifsu, il-gwardjan legali tal-applikant irid jipprovdi l-firma tiegħu.
- Kopja (quddiem u wara) tal-Karta tal-Identità tal-persuna li għaliha qed issir applikazzjoni għal Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew Blue Badge għandha tiġi pprovduta.
- Fejn xieraq, jekk jogħġbok ipprovdi kopja (wara u quddiem) tal-Karta tal-Identità tal-persuna li qed timla l-applikazzjoni tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew tal-Blue Badge f'isem l-applikant.
- Ritrattt al-passaport wieħed (1) reċenti u ta' kwalità tajba (40mm X 30mm) tal-persuna li għaliha qed issir l-applikazzjoni tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew tal-Blue Badge.
- Informazzjoni dwar l-Ipproċessar tad-Data Personali u Formola ta' Kunsens: paġni 5, 6, 7 u 8. Il-paġni speċifikati jridu jinqraw bir-reqqa u jimtlew, jiġu ffirmati u ddatati kompletament. Il-formola għandha tiġi ffirmata jew mill-persuna li għaliha qed issir l-applikazzjoni tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew tal-Blue Badge, jew mill-persuna li timla l-applikazzjoni f'isimhom.
- Formola taċ-Ċertifikat Mediku: paġni 9, 10, 11, 12 u 13. Il-paġni speċifikati jridu jkunu mimlijin, iffirmati, ittimbrati u ddatati kompletament. Din il-formola taċ-ċertifikat mediku ma tridx tkun ilha aktar minn sena (1) mid-data tas-sottomissjoni. Il-formola għandha timtela minn tabib mediku rreġistrat u bil-liċenzja.

- Kwalunkwe dokument mediku addizzjonali li jista' jappoġġja t-talba għal Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew Blue Badge, fid-diskrezzjoni tal-applikant.

  Tariffa tal-amministrazzjoni ta' €11.50 jekk tapplika għal Blue Badge ġdida: L-ammont eżatt għandu jiġi ppreżentat jekk tissottometti l-applikazzjoni bl-idejn. Il-karti tal-kreditu huma aċċettati. Ċekkijiet mhumiex aċċettati. Il-pagamenti bi flus kontanti mhumiex aċċettati bil-posta. Ma tapplika l-ebda tariffa għal applikazzjonijiet tat-tiġdid tal-Blue Badge.

**Dettalji tal-persuna li għaliha qed issir applikazzjoni għal Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew Blue Badge:**

- Numru tal-Karta tal-Identità: ____________________
- Isem: ____________________
- Kunjom: ____________________
- Data tat-twelid (jum/xahar/sena): ____________________
- Ġeneru: ☐ Maskili ☐ Femminili ☐ X
- Indirizz:

  Isem u numru tar-residenza: ____________________

  Triq: ____________________

  Lokalità: ____________________

  Kodiċi Postali: ____________________

  Malta jew Għawdex: ____________________
- Numru tal-mowbajl u/jew tat-telefon (l-ewwel preferenza): ____________________
- Numru tal-mowbajl u/jew tat-telefon (it-tieni preferenza): ____________________
- Indirizz tal-email: ____________________

**Qed nimla l-applikazzjoni:**

☐ F'ismi stess:

*Jekk jogħġbok ehmeż kopja tal-Karta tal-Identità tiegħek (quddiem u wara) ma' din l-applikazzjoni.*

☐ F'isem persuna oħra:

Relazzjoni mal-applikant: ____________________

Numru tal-Karta ta' Identità: ____________________

Isem: ____________________

Kunjom: ____________________

Numru tal-mowbajl u/jew tat-telefon (l-ewwel preferenza): ____________________

Numru tal-mowbajl u/jew tat-telefon (it-tieni preferenza): ____________________

Indirizz tal-email: ____________________

*Jekk jogħġbok ehmeż kopja tal-Karta tal-Identità tiegħek (quddiem u wara) ma' din l-applikazzjoni.*

*Jekk jogħġbok ehmeż ukoll kopja (quddiem u wara) tal-Karta tal-Identità tal-persuna li għaliha qed issir applikazzjoni għal Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew Blue Badge.*

☐ Bħala uffiċċjal /bħala professjonist involut fl-appoġġ lill-persuna li għaliha qed issir applikazzjoni għal Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew Blue Badge:

Isem: ____________________________________________

Kunjom: ____________________________________________

Rwol: ____________________________________________

Entità: ____________________________________________

Indirizz tal-email: ____________________________________________

*Jekk jogħġbok ehmeż kopja (quddiem u wara) tal-Karta tal-Identità tal-persuna li għaliha qed issir applikazzjoni għal Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew Blue Badge.*

**Firma tal-applikant:**

- *Jekk iċ-ċertifikat mediku ppreżentat ma' din l-applikazzjoni jindika li l-applikant kapaċi jiffirma għalih innifsu, l-applikant irid jipprovdi l-firma tiegħu bil-linka blu.*
- *Jekk l-applikant għandu 17-il sena jew inqas, jew jekk iċ-ċertifikat mediku jindika li l-applikant mhuwiex kapaċi jiffirma għalih innifsu, il-gwardjan legali tal-applikant irid jipprovdi l-firma tiegħu bil-linka blu.*

Isem u Kunjom tal-firmatarju:

____________________________________________

Relazzjoni mal-applikant (jekk iffirmata minn persuna li mhijiex l-applikant):

____________________________________________

## Ipproċessar tad-Data Personali: Servizzi tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u tal-Blue Badge

### Ipproċessar u Kondiviżjoni tad-Data

Aġenzija Sapport ("l-Aġenzija") teħtieġ l-ipproċessar tad-data personali tal-applikanti biex l-applikanti jirċievu l-benefiċċji, l-iskemi u s-servizzi li qed jabbonaw għalihom, kif ukoll kwalunkwe servizz anċillari jew addizzjonali. Dan jista' jinvolvi l-ipproċessar ta' kategoriji speċifiċi ta' data personali, inkluża, iżda mhux limitata għal, informazzjoni dwar is-saħħa u d-diżabilitajiet tal-applikant. Barra minn hekk, mingħajr din id-data, l-Aġenzija ma tistax tipproċedi bl-applikazzjoni jew tieħu xi azzjonijiet ulterjuri kif speċifikat fil-formola tal-applikazzjoni.

F'konformità mal-liġi, speċifikament l-Artikolu 4A tal-Ordni li jwaqqaf lil Aġenzija Sapport (S.L.595.18), l-Aġenzija tista' tivverifika l-informazzjoni kollha ppreżentata mal-applikazzjoni, kif ukoll kwalunkwe dokumentazzjoni jew rappreżentazzjoni pprovduta sussegwentement, inkluż għall-iskop li tivvaluta l-kompletezza u l-preċiżjoni tagħhom.

Dan il-proċess ta' verifika jiżgura l-kompletezza u l-preċiżjoni tad-data u jservi biex jipprevjeni u jidentifika l-frodi. L-Aġenzija tista' twettaq din il-verifika billi:

- Twettaq kontroreferenza ma' informazzjoni diġà miżmuma permezz ta' ftehimiet eżistenti ta' kondiviżjoni tad-data;
- Taċċessa bażijiet tad-data miżmuma mill-Awtoritajiet tas-Saħħa; u
- Titlob data minn dipartimenti tal-gvern, entitajiet pubbliċi jew Organizzazzjonijiet Nongovernattivi oħra.

Dawn l-entitajiet jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, Aġenzija Sapport innifisha, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, Transport Malta u l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola tista' tiġi kondiviża minn Aġenzija Sapport ma' dipartimenti governattivi, awtoritajiet, aġenziji jew entitajiet oħra bil-għan li jsiru kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-applikant għal benefiċċji, skemi u servizzi u biex tiġi ffaċilitata l-provvista ta' benefiċċji, skemi u servizzi relatati. Dawn l-entitajiet jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, Aġenzija Sapport innifisha, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Transport Malta. Aġenzija Sapport mhux se tiżvela informazzjoni bla bżonn lil entitajiet oħra, u dan se jsir f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap. 586).

Ċerta informazzjoni anonimizzata, li ma tistax tintuża biex tidentifika applikanti, benefiċjarji u individwi oħra li dwarhom l-Aġenzija jista' jkollha informazzjoni personali, tista' tiġi pproċessata għal skopijiet ta' statistika u riċerka.

**Miżuri ta' Sigurtà**

L-Aġenzija timpenja ruħha li żżomm id-data personali kollha sigura u tippreserva u tipproteġi l-kunfidenzjalità u l-integrità tagħha. Hija tadotta approċċ ta' kontroll tal-aċċess ibbażat fuq id-drittijiet għall-bażi tad-data elettronika tagħha, filwaqt li l-fajls fiżiċi jinżammu b'mod sigur fid-dipartimenti rispettivi. Il-proċessi interni huma mfassla biex jiżguraw li tiġi pproċessata biss id-data meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv imfittex. Il-professjonisti u l-impjegati l-oħra kollha tal-Aġenzija huma soġġetti għal segretezza professjonali.

**Żamma tad-Data**

L-informazzjoni personali miżmuma mill-Aġenzija hija essenzjali għall-valutazzjoni tas-sottomissjoni ta' kull applikant u biex jiġi żgurat li l-applikanti approvati jirċievu l-benefiċċji xierqa. Id-data personali li nġabret sabiex tiġi pproċessata din l-applikazzjoni tista' tinżamm minn Aġenzija Sapport għal perjodu ta' sentejn (2) wara t-terminazzjoni tas-servizz jew wara mewt. Kopji tad-Dokumenti tal-Identità jintużaw biss għal skopijiet ta' verifika, u għalhekk jinqerdu immedjatament malli jitlesta l-proċess tal-applikazzjoni.

**Ġustizzja u Trasparenza**

L-applikanti, il-benefiċjarji u individwi oħra li dwarhom l-Aġenzija jista' jkollha informazzjoni personali jistgħu jitolbu li jiġu infurmati dwar liema informazzjoni dwarhom tinżamm mill-Aġenzija, li jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni u li jiksbu informazzjoni oħra dwar kif dik l-informazzjoni qed tiġi pproċessata. Tista' ssir ukoll talba biex tiġi rettifikata informazzjoni fattwalment żbaljata jew biex jintalab it-tħassir ta' informazzjoni miżmuma illegalment. Tista' ssir ukoll talba biex jiġi ristrett l-użu ta' data personali għal raġunijiet speċifiċi ġustifikati bil-liġi.

Kwalunkwe talba bħal din trid tiġi indirizzata lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Aġenzija, li jista' jiġi kkuntattjat permezz tal-mezzi li ġejjin:

**Indirizz:** Aġenzija Sapport, Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera SVR 1614

**Telefon:** Freephone Servizz.gov 153 (ext. 05)

**Email**: dpo.sapport@gov.mt

Dawn id-drittijiet jistgħu jiġu ristretti għal dawk ir-raġunijiet permessi bil-liġi skont iċ-ċirkostanzi.

Informazzjoni oħra dwar it-tip ta' data personali pproċessata mill-Aġenzija, inkluż kif l-informazzjoni tiġi pproċessata, għal liema skopijiet u għal kemm żmien tinżamm din id-data, hija dettaljata fil-Politika tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-Rekords, li hija disponibbli fuq is-sit tagħha www.sapport.gov.mt.

---

***Għandha timtela u tiġi ffirmata mill-applikant/il-persuna li qed tapplika f'isem l-applikant tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew il-Blue Badge:***

*Jekk jogħġbok imla b'ITTRI KBAR –*

Jiena, ____________________________________________________________

[isem u kunjom] bin-numru tal-Karta tal-Identità ____________________________

qed nimla u nissottometti dan id-dokument – *Ipproċessar tad-Data Personali: Servizzi tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u tal-Blue Badge* – fir-rigward tal-formola tal-applikazzjoni tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew tal-Blue Badge:

☐ f'ismi

*jew*

☐ f'isem persuna oħra, bl-isem u kunjom

____________________________________________________________

u bin-numru tal-Karta tal-Identità ________________________________________.

Nikkonferma li qrajt, li fhimt u li naqbel mal-informazzjoni ta' hawn fuq rigward l-Ipproċessar ta' Data Personali relatata mas-servizzi tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u l-Blue Badge. Hawnhekk nagħti wkoll il-kunsens tiegħi lil Aġenzija Sapport biex tipproċessa din l-applikazzjoni f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet deskritti f'dan id-dokument.

Nikkonferma li l-informazzjoni pprovduta hija korretta u se ninforma lil Aġenzija Sapport jekk ikun hemm xi bidla fid-data pprovduta.

Fil-każ li qed nimla u nissottometti l-formola relatata mal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew il-Blue Badge f'isem individwu ieħor, niddikjara li għamilt kull sforz raġonevoli biex ninforma lill-individwu li qed nissottometti l-applikazzjoni tiegħu f'ismu dwar l-aspetti rilevanti kollha ta' din l-applikazzjoni, u li ksibt il-kunsens tiegħu biex nissottometti din l-applikazzjoni f'ismu, safejn ikun raġonevolment possibbli.

| | |
|---|---|
| ________________________________ | ________________________________ |
| Firma | Data |

**FORMOLA TAĊ-ĊERTIFIKAT MEDIKU – APPLIKAZZJONI TAL-KARTA EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ U/JEW TAL-BLUE BADGE**

*Gwida ġenerali għall-prattikanti mediċi:*

- **Prattikanti mediċi li huma konsulenti fis-settur tas-saħħa pubblika ta' Malta għandhom jimlew id-dettalji tal-applikant (hawn taħt), il-Parti A, il-Parti B u l-Parti C ta' din il-formola.**
- **Il-prattikanti mediċi l-oħra kollha għandhom jimlew id-dettalji tal-applikant (hawn taħt), il-Parti A u l-Parti C ta' din il-formola. Il-Parti B *m'għandhiex* timtela. Huwa importanti li jiġu sottomessi wkoll kopji ta' dokumentazzjoni medika rilevanti (eż., immaġnijiet, rapporti, sommarji tal-każijiet, eċċ.).**
- **Formoli ta' ċertifikati mediċi mhux kompluti *ma jiġux* aċċettati. Iċ-ċertifikati kollha jridu jimtlew kompletament, ikunu ffirmati, ittimbrati u ddatati. Id-data tal-ħruġ ma tridx tkun ilha aktar minn sena (1) mid-data tas-sottomissjoni.**

**Dettalji tal-applikant** – *Jekk jogħġbok imla b'ITTRI KAPITALI:*

Numru tal-Karta tal-Identità tal-Applikant: ____________________

Isem u kunjom tal-Applikant: ____________________

Applikazzjoni għal:
☐ Karta Ewropea tad-Diżabilità BISS
☐ Tiġdid tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità
☐ Karta Ewropea tad-Diżabilità **U** Blue Badge Ġodda
☐ Blue Badge Ġdida ☐ Tiġdid tal- Blue Badge

*(Tista' tagħżel aktar minn għażla 1)*

---

**Parti A** (għandha timtela mill-prattikanti mediċi kollha)**:**

Il-kundizzjoni medika/kundizzjonijiet mediċi tal-applikant hija/huma:

☐ Fiżika ☐ Vista batuta (Sensorjali) ☐ Smigħ batut (Sensorjali)
☐ Intellettwali ☐ Mentali (Psikoloġiku)

Il-kundizzjoni medika/kundizzjonijiet mediċi tal-applikant bdiet/bdew:

☐ Fit-twelid, jew

☐ Meta l-persuna kellha ______ snin.

L-applikant jista' jiffirma f'ismu: ☐ Iva ☐ Le

Kundizzjoni medika/kundizzjonijiet mediċi dijanjostikata/dijanjostikati tal-applikant, elenkati skont l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament ta' kuljum, jekk applikabbli:

(1) ______________________________________________________________

(2) ______________________________________________________________

(3) ______________________________________________________________

(4) ______________________________________________________________

(5) ______________________________________________________________

Ipprovdi dettalji tal-kundizzjoni medika/kundizzjonijiet mediċi tal-applikant:

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

Iddeskrivi kif il-kundizzjoni/kundizzjonijiet medika/mediċi dijanjostikata/dijanjostikati tal-applikant taffettwa l-abilità tiegħu li jiffunzjona fl-attivitajiet ta' kuljum, jekk applikabbli:

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**Parti B** (għandha timtela minn prattikanti mediċi li huma konsulenti fis-settur tas-saħħa pubblika ta' Malta biss)**:**

*<u>Taqsima B. 1 – Għandha timtela jekk qed tapplika għal Kard tal-UE tad-Diżabilità.</u> Immarka (✓) skont kif japplika:*

| *Niċċertifika li l-applikant għandu:* | Iva | Le |
|---|---|---|
| Indeboliment fiżiku fit-tul li f'interazzjoni ma' diversi ostakli jista' jfixkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. | | |
| Indeboliment mentali fit-tul li f'interazzjoni ma' diversi ostakli jista' jfixkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. | | |
| Indeboliment intellettwali fit-tul li f'interazzjoni ma' diversi ostakli jista' jfixkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. | | |
| Indeboliment sensorjali fit-tul li f'interazzjoni ma' diversi ostakli jista' jfixkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. | | |
| L-ebda minn dawn ta' hawn fuq. | | |

*Jekk qed tiċċertifika li l-applikant għandu indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali, u/jew sensorjali fit-tul li f'interazzjoni ma' diversi ostakli jista' jfixkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, jekk jogħġbok speċifika t-tul mistenni tal-indeboliment/i:*

| | |
|---|---|
| *Mill-inqas sena (1)* | |
| *Sentejn (2)* | |
| *Tliet (3) snin sa' erba' (4) snin* | |
| *Ħames (5) snin* | |
| *Sitt (6) snin sa disa' (9) snin* | |
| *Għaxar (10) snin jew aktar – tul-il-ħajja, permanenti* | |

*<u>Taqsima B. 2 – Għandha timtela jekk qed tapplika għal Blue Badge.</u> Immarka (✓) skont kif japplika:*

| *Niċċertifika li l-applikant għandu:* | Iva | Le |
|---|---|---|
| Indeboliment tal-vista fit-tul li jirriżulta f'akutezza tal-vista li ma taqbiżx is-6/60 fl-aħjar għajn bil-korrezzjoni, jew limitu fil-kamp viżiv li huwa inqas minn angolu ta' 20° (tunnel vision). | | |
| Indeboliment sever fit-tul fiż-żewġ riġlejn ta' fuq. | | |
| Indeboliment fiżiku sostanzjali fit-tul li jirriżulta f'inkapaċità fil-mixi jew diffikultà konsiderevoli ħafna fil-mixi jew li b'riżultat ta' dan l-isforz tal-mixi jista' jkun ta' theddida għall-ħajja. | | |
| Indeboliment mentali sever fit-tul u bi problemi severi ta' mġiba u li jeħtieġ għajnuna u superviżjoni ta' spiss matul il-ġurnata u bil-lejl. | | |

| | | |
|---|---|---|
| L-ebda minn dawn ta' hawn fuq. | | |

*Jekk qed tiċċertifika li l-applikant għandu wieħed jew aktar mill-erba' indebolimenti severi fit-tul elenkati fit-tabella ta' hawn fuq, jekk jogħġbok speċifika t-tul mistenni tal-indeboliment(i):*

| | |
|---|---|
| Mill-inqas sena (1) | |
| Sentejn (2) | |
| Tliet (3) snin | |
| Erba' (5) snin | |
| Ħames (5) snin | |
| Tul-il-ħajja u permanenti | |

| ***Niċċertifika li l-applikant:*** | **Iva** | **Le** |
|---|---|---|
| Huwa kapaċi juża vettura bil-mutur fuq bażi regolari (bħala sewwieq jew bħala passiġġier). | | |
| Huwa kapaċi joħroġ barra mid-dar tiegħu regolarment. | | |

Huwa mistenni li l-applikant ikollu, jew jiżviluppa, kundizzjoni li tista' tirriżulta li ma jkunx jista' jitlaq mid-dar tiegħu fis-snin li ġejjin?

☐ Iva ☐ Le

---

**Parti C** (għandha timtela mill-prattikanti mediċi kollha)**:**

**Dettalji u dikjarazzjoni tat-tabib mediku** – *Jekk jogħġbok imla b'ITTRI KBAR***:**

Isem u kunjom tat-tabib mediku: ____________________________________________

Numru tar-reġistrazzjoni tat-tabib mediku: ____________________________________________

Grad tat-tabib mediku: ____________________________________________

Qasam ta' prattika tat-tabib mediku: ____________________________________________

Indirizz tal-email tat-tabib mediku ____________________________________________

Timbru uffiċjali tat-tabib:

**Billi niffirma din il-formola taċ-ċertifikat mediku tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità u/jew il-Blue Badge, jiena, ________________________________________________________________** [isem u kunjom] **b'dan nikkonferma li l-informazzjoni kollha pprovduta f'din il-formola taċ-ċertifikat mediku hija vera, kompluta u preċiża.**

Firma tat-tabib: ________________________________________________

Data: ________________________________________________